Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru 10/2016

**David Aquilina (appellant)**

**Vs**

**Direttur Generali tas-Sigurta Socjali (appellat)**

30 ta' Jannar, 2017.

1. L-appellant kien appella minn decizjoni tal-appellat li l-pensjoni kontributorja giet awtorizzata bir-rata ta' €39.16 fil-gimgha b'effett mit-12 ta' Lulju, 2014. B'decizjoni tal-10 ta' April 2015 l-Arbitru cahdet l-appell. Fid-decizjoni intqal:

   *"L-Arbitru jiddikjara illi t-tezi tad-Direttur Generali hi plawsibbli u in vista tan-nuqqas ta' opposizzjoni da parti tal-appellant, l-appell qed jigi michud"*.

2. L-appellant appella fejn iddikjara li ma kienx gie notifikat bl-appuntament tas-smigh tal-ewwel seduta u bid-data tat-tieni seduta.

3. L-appellat wiegeb.

4. **Fatti**.

   i. Fit-23 ta' Settembru 2014 l-ufficcju tal-Arbitru rcieva l-appell tal-appellant;
   ii. L-appell gie appuntat ghas-seduta tal-20 ta' Frar, 2015 fis-2.30pm. Dakinhar deher biss ir-rapprezentant tal-appellat. L-appell gie differit ghall-ahhar darba.
   iii. It-tieni seduta giet appuntata ghas-16 ta' Marzu 2015 fit-8.30am. Dakinhar l-appellant rega' ma deherx u l-arbitru tat id-decizjoni.
   iv. L-appellant ghamel perjodu msiefer (23 ta' Dicembru 2014 sat-28 ta' Ottubru 2015). Fatt mhux kontestat mill-appellat.
   v. Kien meta rritorna lura Malta li sar jaf li l-kaz tieghu kien gie deciz.
   vi. Fl-24 ta' Frar, 2016 l-appellant gie notifikat bl-appell.

5. **Eccezzjoni preliminari** – *nullita tal-appell ghaliex fuori termine*.

   Appell minn decizjoni tal-Arbitru ghandha ssir fi zmien tletin (30) gurnata minn meta d-decizjoni titwassal bil-miktub permezz ta' posta registrata (artikolu 109(2) tal-Att dwar is-Sigurta Socjali, Kap. 318).

L-appell mhuwiex *fuori termine* ghaliex l-appellant gie notifikat bid-decizjoni fl-24 ta' Frar 2016 u pprezenta l-appell fil-21 ta' Marzu, 2016.

6. **<u>Aggravji</u>** - Ghalkemm hu minnu li l-appellant messu gharraf lis-segretarju fl-ufficcju tal-Arbitru li kien ser isiefer ghall-perjodu twil minn Malta, jibqa' l-fatt li l-appellant ma kienx notifikat bl-avvizi ta' smiegh bil-mod kontemplat mil-ligi. Skont l-Artikolu 107(3) tal-Att dwar is-Sigurta Socjali (Kap. 318):

   > *"Kull tahrika ghandha tkun iffirmata minnu u ghandha tkun notifikata jew personalment jew inkella bil-posta registrata, u fil-kaz tal-ahhar, fil-prova tan-notifika, ikun bizzejjed li tingieb il-prova illi t-tahrika kienet giet indirizzata sewwa u mpustata"*.

   Ghalkemm jinghad li fil-prova tan-notifika ikun bizzejjed li tingieb prova illi t-tahrika kienet giet indirizzata sewwa u mputastata, b'daqshekk ma jfissirx li ma jistax ikun hemm provi ohra li effettivament juru li n-notifika ma saritx. Jidher li f'dan il-kaz l-ittri ntbaghatu permezz ta' posta mhux registrata. Fil-perjodu meta ntbaghtu l-appellant kien assenti minn Malta. Mill-email tal-21 ta' Dicembru 2014 hu evidenti li l-appellant sab l-avvizi ta' smiegh meta rritorna Malta (fol. 8), cjoe' fi zmien meta l-appell kien diga' gie deciz. Dan effettivament ifisser li l-avvizi gew impustati bil-posta normali. Il-fatt li l-appellant ma kienx jinsab Malta, ifisser li ma kienx jaf bid-dati tas-seduti. Hu minnu li qabel siefer, l-appellant seta' gharraf lill-Arbitru li ser ikollu jsiefer fit-tul u sabiex fl-assenza tieghu l-appell ma jigix appuntat. Pero' l-fatt li m'ghamilx hekk m'ghandux jippregudika d-dritt tieghu li jinghata smigh, gialadarba rrizulta li n-notifiki qatt ma waslulu ghaliex kien assenti minn Malta.

**Ghal dawn il-motivi filwaqt li tichad l-eccezzjoni preliminari tal-appellat, tilqa' l-appell u thassar id-decizjoni tal-10 ta' April 2015 u tibghat l-atti lura quddiem l-Arbitru sabiex l-appell jerga' jigi appuntat ghas-smigh u jinstemghu l-provi tal-appellant.**

**Spejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

Anthony Ellul.